# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 30 ta' Mejju, 2001**

**Numru 75**

**Rikors Nru. 323/01GV**

**Doc. Nru. 89-01**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru 3879/00 fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. gia Mid Med Bank Ltd.**

**vs**

**Anthony Spiteri u Josette Spiteri**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat ir-Rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti esponew illi l-Bank sekwestrant HSBC Bank Malta p.l.c. ipprezenta Mandat ta' Sekwestru numru 3879/00 fit-tnejn (2) ta' Novembru, 2000, in ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv li ghandu kontrihom.

Illi, huma kienu proprjetarji ta' karozza bin-numru ta' registrazzjoni BAU 202, liema karozza nbieghet fil-hmistax (15) ta' Ottubru, 2000 lil certu Julian Genovese, kif jidher mid-dokument anness bhala Dok. A. Pero' jigi ddikjarat li stante illi dan l-istess Genovese xtara l-karozza biex ibieghha, ma sarx it-transfer mill-awtoritajiet koncernati;

Illi dan l-ahhar, meta l-persuna li finalment xtara l-karozza mar biex jaghmel it-transfer, huwa sab il-Mandat ta' Sekwestru hawn fuq imsemmi, fejn gie indikat bhala sekwestratarju d-Direttur tal-Licensing and Testing Deparment;

Illi ma hemmx ebda bazi legali ghaliex l-imsemmi Direttur gie ndikat bhala sekwestratarju meta dan m'ghandux jaghti lid-debitur jew lil haddiehor haga mobbli li tinsab ghandu. Id-Direttur tal-Licensing and Testing Department ma jittrasferix il-proprjeta' imma jittrasferixxi l-licenzja, liema licenzja mhijiex proprjeta' tal-esponenti u l-iskop taghha huwa biex il-karozza tinsaq fit-toroq;

Ghalhekk l-agir tad-Direttur meta rrifjuta li jirregistra t-trasferiment tal-licenzja huwa manifestament irregolari;

Ghaldaqstant l-esponenti Anthony u Josette Spiteri jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka l-mandat ta' sekwestru numru 3879/00, ghal dak li jirrigwarda d-Direttur tal-Licensing and Testing Department bhala sekwestratarju stante illi ma jaqax taht il-parametri legali tal-artikoli 375 u 376 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili kif fuq spjegat.

Rat ir-risposta ta' HSBC Bank Malta p.l.c. fejn esponew:

Illi l-Bank esponent gie notifikat bir-rikors imsemmi (Dokument "A" - anness) fit-tnejn (2) ta' Marzu, 2001.

Illi l-imsemmija rikorrenti qeghdin jghidu li, filwaqt illi huma kienu proprjetarji ta' karozza bin-numru ta' registrazzjoni BAU 202, huma bieghu l-istess karozza lil certu Julian Genovese fil-hmistax (15) ta' Ottubru, 2000 izda ma ngabietx id-dovuta prova ta' dan il-bejgh f'forma ta' skrittura privata debitament imbollata skond il-ligi - liema skrittura mhiex annessa mar-rikors precitat.

Illi "Motor Vehicle Regulation" numru 26 jipprovdi illi meta tinbiegh vettura, tali bejgh jrid jigi registrat mad-Dipartiment tal-Licenzji u Testijiet fi zmien sebat ijiem

mill-bejgh u fin-nuqqas il-ligi ukoll tipprovdi dwar il-pieni applikabbli stante li l-agir tar-rikorrenti u xerrej jammonta ghall-offiza kriminali.

Illi l-mandat ta’ sekwestru precitat gie prezentat fit-tnejn (2) ta’ Novembru, 2000 - manifestament aktar minn sebat ijiem wara li sar l-allegat bejgh.

Illi l-artikolu 375 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) hija ampjament cara fis-sens illi tghid illi meta kreditur, sabiex jithallas, jixtieq jzomm f’idejn terza persuna, hwejjeg jew flus tad-debitur, ghandu jaghmel dan permezz ta’ Mandat ta’ Sekwestru.

Illi l-ligi wkoll tipprovdi dwar l-unici cirkostanzi fejn assi ta’ debitur ma jistghux jigu sekwestrati u dana fl-artikolu 382.

Illi permezz tal-mandat precitat id-Direttur tad-Dipartiment tal-Licenzji u Testijiet gie ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex, jzomm ghandu bhala issekwestrata hwejjeg jew flus tas-sekwestrat kwantita’ (jew somma) bizzejjed sabiex biha tithallas it-talba tal-Bank esponent (f’dan il-kaz il-kreditu pretiz huwa dak ta’ erba’ mitt elf liri Maltin [Lm400,000]).

Illi hu procedura stabilita u pacifika tad-Dipartiment tal-Licenzji u Testijiet li jwaqqaf transfer minhabba sekwestru kif jirrizulta minn Dokument “LT1” li gie anness ma’ din ic-citazzjoni, fejn gie oskurat biss l-isem tad-debituri u n-numri tal-vetturi koncernati biex tigi rispettata il-privatezza ta’ terzi.

Kontra dak allegat, id-Direttur tad-Dipartiment tal-Licenzji u Testijiet mhux biss johrog Licenzji fir-rigward ta’ vetturi izda ukoll jzomm registru tas-sid registrat ta’ vettura u a bazi ta’ hekk johrog dokument maghruf bhala “log book” li, ghall-finijiet tal-ligi li jirregola l-vetturi huwa “document of title”.

Illi ghalhekk f’kaz li tali “log book” jigi f’idejn id-Direttur tad-Dipartiment tal-Licenzji u Testijiet huwa obbligat sabiex, ai termini tal-mandat ta’ sekwestru precitat,

jzomm l-istess f'idejh u ma jirrilaxxjax l-istess hlief fuq ordni tal-Qorti moghti fil-forma ta' kontramandat jew f'kaz li jiddeciedi li jiddepozita l-istess taht l-awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Illi anke fl-aghar ipotesi, malli persuna indikata bhala sekwestrarju jigi fil-pussess ta' oggett proprjeta' tad-debitur - anke ta' dokument - dan ikun obbligat li jzomm ghandu tali oggett skond il-ligi.

Ghaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad ir-rikors imsemmi ta' Anthony u Josette Spiteri bl-ispejjez kontra taghhom u ghandha tindaga aktar fil-fond u tiddeciedi jekk hemmx lok ta' notifika u rapport formali lill-Kummissarju tal-Pulizija fuq l-ammissjoni ta' offiza kriminali maghmula mill-imsemmi Anthony u Josette Spiteri fl-atti taghha stess skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lill-Avukati jittrattaw;

**TALBA**

Ir-rikorrenti talbu r-revoka tal-mandat ta' sekwestru 3879/00 ghal dak li jirrigwarda d-Direttur tal-Licensing and Testing Department bhala sekwestrarju stante li ma jaqax taht il-parametri legali ta' l-artikolu 375 u 376 tal-Kap 12.

**RISPOSTA**

L-intimat irrisponda r-rikors ghandu jigi michud u l-Qorti ghandha tindaga aktar fil-fond u tiddeciedi jekk hemmx lok ta' notifika u rapport formali lill-Kummissarju tal-Pulizija fuq l-ammissjoni ta' offiza kriminali maghmula mir-rikorrenti.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Skond l-artikolu 375 meta kreditur, sabiex jithallas tal-kreditu tieghu, ikun irid izomm li ma jghaddux f'idejn id-debitur tieghu, flus jew haga mobbli li jkunu jinsabu f'idejn haddiehor, jista' jaghmel dan bil-mezz ta' mandat ta' sekwestru.

Ir-rikorrenti qed jissottomettu li ma hemm ebda bazi legali ghaliex id-Direttur tat-Traffiku ghandu jigi indikat bhala sekwestratarju meta dan m'ghandux jaghti lid-debitur jew lil haddiehor haga mobbli li tinsab ghandu. Id-Direttur ma jittrasferix il-proprjeta' imma jittrasferixxi l-licenzja, liema licenzja mhiex proprjeta' tar-rikorrenti.

Illi jirrizulta mill-provi li r-rikorrenti kienu bieghu karozza BAU 202 fil-hmistax (15) ta' Ottubru,2000 lil certu Julian Genovese (l-ebda dokument ma gie prezentat), pero' ma sarx transfer skond kif titlob il-ligi. Jidher li dana Genovese biegh il-karozza lil haddiehor u meta dan ta' l-ahhar mar biex jaghmel it-transfer gie mizmum mid-Direttur tal-Licensing billi kien inhareg il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni.

Illi d-Direttur ma johrogx biss il-licenzja fir-rigward ta' vetturi imma jzomm ukoll registru ta' l-ownership tal-vettura u a bazi tieghu hu johrog il-log book li hu "document of title". Illi meta dan id-"dokument of title" jigi f'idejn id-Direttur hu obbligat meta jircievi sekwestru li jzomm dana d-dokument li hu t-titolu tal-proprjeta' mobbli u li ma jirrilaxxjahiex qabel ma jircievi ordni ohra mill-Qorti.

Lanqas ma jirrizulta li l-mobbli in kwistjoni hu ezentat taht l-artikolu 382 tal-Kap 12.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**